**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Clemente Antonio Bommarito**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clemente Antonio Bommarito, iben Giovanni u Guizeppa neè Dibono, residenti 6, Casa Bommarito, Triq William H. Prescott, San Giljan, detentur tal-karta tal-identità 343504L, imwieled Sqallija gewwa l-Italja nhar it- tlettax (13) ta' Settembru 1945.

Akkuzat talli:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-mara tieghu Anna Maria Bommarito f'periklu ċar, ikkaġunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa.

2. Ħebb kontra l-mara tieghu Anna Maria Bommarito sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara.

Il-Qorti giet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Anna Maria Bommarito, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kaz bħala wieħed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra tieghu jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat il-verbal tal-avukat difensur tal-parte civile fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020 u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**5.** Rat li l-kawza giet differita ghad-9 ta' Dicembru 2020, pero dakinhar il-Qorti giet infurmata li l-imputat kien rega' ntbaghat il-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli, u intbaghat certifikat illi l-imputat "is unfit to attend Court"

**6.** Semghet ix-xhieda tal-espert Psikjatra Dr. George Debono fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 – liema espert rega gie mahtur minn din il-Qorti - fejn iddikjara li l-imputat kien "unfit to stand trial"

**7.** Rat id-digriet taghha tal-istess seduta fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali, u wara li rat l-Artikolu 36 tal-Att dwar is-Sahha Mentali (Kap.525 tal-Ligijiet tal Malta), ordnat li l-imputat jinzamm taht kustodja l-isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa taht kustodja u mizmum skond id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull dispozizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz.

**8.** Semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. George Debono fis-seduta tal-lum stess fejn iddikjara li l-imputat "is fit to stand trial" u li jekk tinghata sentenza llum tista tifhimha.

**9.** Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet

**10.** Is-seduta giet posposta biex tinghata s-sentenza.

**Il-FATTI**

**11.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

**1.** L-imputat u l-parte civile, Anna Maria Bommarito, ilhom mizzewgin hamsa u erbghin (45) sena, u ghandhom zewgt itfal.

**2.** Fl-2007, il-mara tieghu rat tibdil fl-agir tieghu, u gie ammess ghal hmistax fil-Psychiatric Unit tal-isptar Mater Dei, fejn id-djanjosi kienet li kien qed ibati minn dipressjoni, u inghata l-medicina "Resperidone". Pero din il-medicina tintuza ghal kura ta' agitazzjoni u aggressivita, u mhux ghal dipressjoni.[1]

**3.** Wara li hareg mill-isptar, l-imputat baqa' jigi osservat u ttrattat l-Outpatients sas-sena 2014, meta hu iddecieda minn jeddu li ma jibqax jattendi ghall-appuntamenti, u jiehu l-medicini.

**4.** L-parte civile xehdet li meta kien jiehu l-medicini kien ahjar u inqas aggressiv, pero wara ftit li waqqafhom, beda jkun l-istess bhal qabel.

**5.** Xi sitt xhur qabel l-incident de quo, il-parte civile innotat li zewgha kien qed igib affarijiet ta' ikel u hwejjeg mid-dustbins tan-nies. Wara li xebghet tghidlu biex jizbarazza l-affarijiet u ma jgibx izjed, hi qabdet ramietlu kollox. L-imputat irrabja, u heddidha biex ma tmisslu xejn izjed.

**6.** Xi jumejn wara l-imputat gie id-dar b'soft toy mahmug, u l-parte civile inkwetat li kien se jaghtih lin-neputi taghhom ta' tlett snin, u qaltlu biex jarmieh. Peress li l-imputat baqa' ma ramiehx ramitulu hi.

[1] Ara rapport tal-espert Psikjatra Dottor George Debono a fol. 156 tal-process.

7. Meta l-imputat gie lura d-dar u ma sabx lura dan is-soft toy, irrabbja, sar aggressiv, sabbat lill-parte civile fuq coffee table, mbaghad waddabha fuq pultruna, mar fuqha u b'idejh beda jaghfsilha ghonqha, u jghidilha li se joqtolha.

8. Imbaghad dahal it-tifel taghom, Roberto Bommarito, li jghix maghhom, u ferraqhom.

9. Konsegwenza ta' dan l-incident, l-parte civile sofriet griehi ta' natura hafifa f'ghonqha.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**12.** Id-difiza mhux qed tikkontesta li bhala fatt sehh dan l-incident, pero qed tissolleva zewg eccezzjonijiet subordinatament ghal xulxin – l-ewwel wahda hi l-iskriminanti li fil-hin tar-reat l-imputat kien fi stat ta' genn, u subordinatament l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-eccezzjoni tal-genn.

**13.** L-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas – (a) kienet fi stat ta' ġenn; … …"*

**8.** Fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri**, deciza fil-25 ta' Settembru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

**9.***"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom "Criminal Law"[2]:*
***"It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder."[3]***

**10.** *Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma*

[2] *Jones, T.H. & Christie, M.G.A.* ***Criminal Law****, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.*

[3] *op.cit. p.140, para. 8.13.*

*jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt)*[4] *li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv*[5] *(i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – disease of the mind bl-Ingliz – mhux necessarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` di intendere, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` di volere –*

***11.*** ***"The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time … … But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules … … 'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules***[6]***, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act."***[7]

***12.*** *U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008:*

***"It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding***[8]***. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries)***

[4] *Jekk, mill-banda l-ohra, tkun il-prosekuzzjoni li asseriet, permezz ta' rikors ghall-kontestazzjoni tal-fehma tal-periti prezentat fil-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 402(5) tal-Kap. 9, li l-imputat ma kienx fi stat ta' genn fil-mument tal-att, allura tkun l-istess prosekuzzjoni li ghandha tipprova dan sal-grad tal-konvinciment morali.*

[5] *Ghall-kuncett ta' diminished responsibility ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Raymond Vella*** *App. Krim. 2/8/1999.*

[6] *i.e. "…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong."*

[7] *p. 172.*

[8] *U fil-kaz taghna tal-kapacita` li wiehed jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.*

***causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin … … However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease' (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922, emphasis added)."***[9]

**13.** *L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi*[10].

**14.** *Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:*

***"The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it."***

**15.** Dan l-istess insenjament gie ikkwotat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament komposta) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**, deciza fl-4 ta' Marzu 2010. F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ziedet biss kwotazzjoni tal-awturi **Timothy Jones u Michael Christie**[11], b'riferenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza u li hi simili hafna ghal dik taghna:

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

---

[9] *Para. A3.17, p. 45-46.*

[10] *Fir-rigward ta' dipendenza fuq droga u krizijiet ta' astinenza fil-kuntest tal-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, ara* ***Il-Pulizija v. Grazio Spiteri*** *App. Krim. 7/7/1997.*

[11] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh) 1992.

***16.*** Ghalhekk sabiex l-eccezzjoni tieghu tal-genn tigi milqugha minn din il-Qorti, l-imputat jehtieglu jipprova, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, li fil-mument li kkommetta r-reat, hu kellu marda tal-mohh, *a disease of the mind*, a differenza ta' *a disease of the brain*. Biex ikun hemm *a disease of the mind* dovuta ghal kawza jew kawzi fizici, dik il-kawza trid tkun effettivament ipprivat lill-imputat mill-kapacita li jaghraf *(capacita di intendere)* jew mill-kapacita li jaghzel *(capacita di volere).*

**17.** Kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta gie ezaminat mill-espert psikjatra Dottor George Debono, l-imputat jichad li hu jigbor l-affarijiet miz-zibel, izda jghid li jigbor biss affarijiet tajbin ghax ma jhobbx jara hela. Pero mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat huwa hoarder – dan johrog kemm mix-xhieda tal-parte civile, dik tat-tifla tieghu Eliza Bonmarito li ghamel xi zmien jghix maghha matul dawn il-proceduri, kif sahhansitra mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur li xehed hekk:

*"(G)ieli anke jiena meta nkun sejjer lejn id-dar nista' nikkonferma … … li gieli narah anke jqalleb fil-hmieg, fl-affarijiet biex jigborhom. Fil-fatt jiena biex nikkonferma biex jigi hawn kellu riferta pozittiva, mort ghalih il-Hamrun, l-ghassa tal-Hamrun halli zgur jigi, u hu u gej hawn kaxxa hawn barra* [il-bini tal-Qorti] *beda jfittex fiha wkoll. … … Ghall-ewwel jien ma emminthiex illi vera qed ifittixhom, imma anke jien u sejjer lejn id-dar gieli rajtu b'xi jeans jara hux is-size tieghu … … affarijiet tad-dahk, imma fis-sitwazzjoni tal-Covid li tigbor l-affarijiet … … barra ma tafx ta' min huma, ma tafx x'kellhom u kollox u tehodhom lura id-dar."*[12]

**18.** L-espert psikjatra Dottor George Debono, mahtur minn din il-Qorti, xehed li meta kien qed jezaminah l-imputat qallu li darba minnhom fetah dustbin, ghax xi hadd tefa' hamburger li ma kielx, u kielu hu biex ma jahlix. Fix-xhieda tieghu, dan l-espert qal li hu ikkonkluda li l-imputat huwa hoarder, li hija sintomu ta' hafna mard mentali, ghalkemm tista' tkun kundizzjoni ta' hoarding pur ukoll.[13]

**19.** Dottor George Debono ikkonkluda r-rapport tieghu hekk:

***20.*** *"Dan hu bniedem li minn dejjem kien pjuttost nervuz, b'tendenza ghall-aggressjoni, li ghamel madwar seba' snin il-Psychiatric Outpatients, fejn kien qed jiehu medicine, jigifieri "Resperidone" li ma jintuzax fid-dipressjoni, izda f'agitazzjoni u aggressivita, u*

[12] Ara fol. 66-67 tal-process.
[13] Ara fol. 142 u 143 tal-process.

*li min kien qed jarah ghal dawn is-snin hass li ghandu bzonnhom. Fil-fatt meta waqqafhom minn jeddu fl-2014, skont ix-xhieda tal-mara tieghu, sar aghar.*

***21.*** *Jien tal-opinjoni minn kif rajtu jagixxi meta kien qed jispjega l-incident, nemmen li dak il-hin kien mitluf u ma kienx fil-kontroll tieghu nnifsu. Hu deher li ghandu rabja kbira kontra l-membri tal-familja, li tista' tigi spjegata mill-fatt li ma kienux jaccettaw il-hoarding behaviour tieghu. Madanakollu huwa xorta wera sinjali t'aggresivita ma' terzi persuni in konnessjoni meta t-tifla sabitlu akkomodazzjonijiet alternattivi.*

**22.** *Ghad li ma jidhirx li qed isofri minn psikozi, u jaf x'inhu tajjeb u hazin, u kif idawwar l-affarijiet fil-vantagg tieghu, jiena nsibu "Fit to stand trial" imma ta' l-opinjoni li ghandu bzonn jiehu l-kura kemm psikjatrika kif ukoll psikologika biex ma kunx aktar ta' problemi."*[14]

***23.*** Fix-xhieda tieghu, Dottor George Debono jghid hekk: *"Jigifieri jien tal-opinjoni illi meta sar il-fatt hu vera tilifha. Hu stess qalli li kontx naf x'qieghed naghmel u nemmen illi kien out of control. Ghax huma dawn il-hoarders l-aghar haga li tista taghmlilhom hija li tarmilhom l-imbarazz li jigbru, li ghalihom huma sagrosanti."*[15]

**24.** Meta din il-Qorti staqsiet lil Dottor Debono jekk fid-data li fiha gara l-incident, l-imputat kellux il-kapacita *di intendere e volore*, Dottor Debono wiegeb hekk: *"Le, dak il-hin ma nahsibx li kellu ... ... Ghax anke kif agixxa quddiemi meta beda jiftakar fil-kaz lili bezzghani bil-Malti jigifieri, jaqbez, joghla u jghajjat. ... ... Imma l-probabbilita hi li ma kienx jaf* [x'qed jaghmel] *Ghaliex? Ghax l-ewwel nett hu ammetta li ghandu din it-tendenza tal-aggressjoni. Kien jiehu medicina ghal seba' (7) snin ghall-aggressjoni. Kien hemm kazijiet ohra fejn wera. Waqt l-interview ... ... he went jghajjat u hekk, u kien jidher li qieghed ecitat. U meta semmejtlu din il-bicca xoghol he acted out, jigifieri sar ecitat hafna, sar ahmar ... ... Jigifieri emotionally meta ftakar fiha kien irrabjat hafna, u kienet tidher fih."*[16]

---

[14] Ara fol. 156 tal-process.
[15] Ara fol. 137 tal-process.
[16] Ara fol. 138 - 139 tal-process.

**25.** Iktar tard fix-xhieda tieghu, Dottor Debono qal car, li fl-istat li hu prezenti l-imputat, hu jista' jerga' jkun aggressiv, u kien ghalhekk li fl-ahhar tar-rapport tieghu qal li l-imputat ghandu bzonn trattament psikjatriku u psikologiku biex ma jidholx fi problemi ohra.

***26.*** In kontro-ezami, il-parte civile xehdet li waqt li kien qed jagrediha, ghajnejn l-imputat ma kienux normali, u bdew ibezzghuha. It-tifel Roberto Bommarito ukoll xehed li meta dahal bejn ommu u missieru, u beda jzomm lil missieru lura *"(W)iccu kien, ma nafx niddiskrevih, kollu ahmar, qisu, ghajnejh 'il barra u bzajt li kien ser joqtol … .."*[17]

**27.** Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta li mill-kumpless tal-provi jirrizulta fuq bazi ta' probabilita, li l-imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument li kkommetta ir-reat de quo huwa kien priv (i) mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, u (ii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. L-imputat ibati ghall-inqas minn zewg kundizzjonijiet ta' natura psikjatrika, u cioe dik ta' aggressivita u dik ta' hoarding. Il-parte civile, kienet ilha l-ewwel tgergirlu, u imbaghad ramietlu l-affarijiet kollha li kien ikkollezzjona. Meta jumejn wara hija regghet ramietlu is-soft toy li kien gabar minn barra - affarijiet sagrosanti ghal min hu *hoarder* - intilef u meta ma setghax aktar jirraguna u juza l-fakoltajiet mentali tieghu, u l-azzjonijiet tieghu kienu barra mill-kontroll mentali tieghu.

**28.** Din il-Qorti kienet waslet ghal din il-konkluzjoni meta kienet se tati is-sentenza fid-9 ta' Dicembru 2020, pero din il-konkluzjoni giet imsahha b'dak li gara wara id-9 ta' Dicembru 2020. Fid-9 ta' Dicembru 2020, din il-Qorti giet infurmata li l-imputat rega ntbaghat il-Forensic Unit u ntbaghat certifikat mediku "not fit to attend Court".

**29.** Din il-Qorti regghet hatret lill-Psikjatra Dr George Debono sabiex jerga jezamina lill-imputat u ikkonkluda li l-imputat "was not fit to stand trial" ghax ghax kien qed ibati minn mania.

**30.** Dr Debono xehed hekk *"Issa wiehed jista in retrospect jghid illi dan kien ilu jbati minnha din, imma kienet mohbija peress li kellu l-hoarding. Xi kultant il-hoarding huwa sintomu ta' mard iehor li jintuza bhala defence mechanism. Fil fatt zbroffa l-iktar minn meta dahal il-habs ghax hemmhekk ma setghax ikollu hoarding, ma hemm x'jigbor. Allura d-*

[17] Ara fol. 104 tal-process.

*defence li kellu jikkrolla u johorgu iktar is-sintomi illi xi kultant ghalina ahjar ghax tkun taf x'qed titratta hux. Din hija kundizzjoni li bil-kura ghandha tirranga jigifieri sew"*[18]

***31.*** Fis-seduta tal-lum, il-Psikjatra Dr George Debono xehed li l-imputat kien ghamel progress u "li kien fit to stand trial". Huwa ikkonkluda ir-rapport tieghu ipprezentat illum hekk: *"Jien tal-opinjoni li ghal zmien is-Sur Bommarito kien qed isofri minn 'hypomania' li rrispondiet tajjeb bil-kura li qed jiehu. L-istat mentali tieghu huwa tali li jirrendih fit to stand trial. Mandankollu huwa tal-opinjoni tieghu li ghandu jiehu l-kura u jibqa jigi "followed up", sitwazzjoni li hu accetta li jibqa jaghmel"*

**32.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-eccezzjoni ta' genn fil-mument tal-kommissjoni tar-reat sollevata mid-difiza qieghda tigi milqugha. Ladarba din l-eccezzjoni giet debitament ipprovata, isegwi li l-imputat hu ezenti minn kull responsabblita kriminali.

**33.** In vista ta' din il-konkluzjoni, din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn tinoltra ruhha fit-tieni eccezzjoni difensjonali sollevata mid-difiza b'mod subordinat ghall-ewwel eccezzjoni.

**Konkluzjoni**

**34.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, minhabba li kien fi stat ta' genn fil-hin tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati;

2. wara li rat l-artikoli 525(3) u 623(1) tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jinzamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Saħħa Mentali (Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta) jew kull dispożizzjoni oħra ta' liġi jew leġislazzjoni applikabbli għall-każ, u dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom japplikaw ghal dan il-kaz.

[18] Ara fol.193 tal-process.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**